# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 36 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 36/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret it-Tlieta, 25 ta' Settembru, 2012 fis-6.00pm
fl-Ufficcji Amministrattivi ta' Regjun Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Chris Spiteri | Sindku Marsa |
| Is-Sur Tony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Zejtun
Sindku Fgura
Sindku Kalkara
Sindku M'Scala

**Assenti:**
Sindku Paola

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.00pm.

36.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Approvazzjoni tal-Minuti

Il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 35/2012 mizmuma fis-6 ta' Settembru 2012 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

36.2 **<u>Korrispondenza</u>**

Korrispondenza

Intbaghtet korrispondenza lis-Sindki dwar :
DOI Press Release 2001 – sejha ghal proposti t' Progetti taht il-Fond Ewropew ghall-Izvilupp Regjonali (FEZR);

Invitation – Burden Sharing in Asylum – Invitation to a Public Dialogue – Europe Direct.

Barra minn hekk giet prezentata korrispondenza mill-President mibghuta minn Emergency Response & Rescue Corps dwar Essential Courses for Your Council Staff and Residents fejn heggew inizjattiva li n-nies tal-lokal jistghu isibu mpjieg jew jghatu ghajnuna f' emergenza billi jattendu korsijiet imhejjija minn din l-NGO fuq bazi lokali jew regjonali b' rati vantagguzi hafna.
Gie maqbul bejn dawk prezenti li r-Regjun ghandu jiehu sehem f' din l-inizjattiva billi permezz tal-Kunsilli Lokali jifformaw gruppi biex jattendu ghall-dawn il-korsijiet.
Ghandha ssir kommunikazzjoni mal-Kunsilli Lokali u r-Regjun jimxi skond il-feedback taghhom.

36.3 **Punti Mqajjma**

36.3.1 **LES.**

36.3.1.1 **Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip**

L-Authorised Officer, responsabbli ghat-Tribunali tal-Fgura u taz-Zejtun, prezenta rapport mhux komplut izda hu ttamat li dan ikun finalizzat dalwaqt biex b' hekk ir-Regjun ikun jista jiehu l-passi necessarji f' dan ir-rigward.

Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip

36.3.1.2 **Servizz ta' Wardens fil-Marsa bejn Marzu u Mejju 2012**

Regjun Xlokk kellu laqgha ma' Aurelia Enforcement Ltd u L-Authorised Officer fejn gew diskussi l-invoices li nhargu dwar servizz ta' Wardens fil-Marsa fil-perjodu bejn Marzu u Mejju 2012. Aurelia Enforcement Ltd ghandha tikkorispondi mar-Regjun dwar is-sieghat li fil-fatt nhaddmu fil-Marsa u r-Regjun jiehu dan in konsiderazzjoni sabiex tigi solvuta din il-kwistjoni.

Warden Services Marsa

36.3.1.3 **Tender Warden Services**

L-appell prezentat minn Aurelia Enforcement Services Ltd fl-24 t' Awissu 2012 quddiem il-Public Contract Review Board ghadu ma giex appuntat.

Tender Warden Services

Sa dan it-tant dahal ukoll protest mill-istess kumpanija (353/2012) fis-6 ta' Settembru 2012 u l-Avukat tar-Regjun ghadu qed ihejji l-kontroporotest.

It-talba li Sterling Security Ltd ghamlu biex ikun hemm zieda fuq ir-rati li kellu l-Guard & Warden Service House giet imressqa lill-LES Management Committee li nforma lir-Regjun li din it-talba hi fil-gurisdizzjoni tal-Direttur (DLG). Ghalhekk saret korrispondenza mad-Dipartment fil-11 ta' Settembru 2012, li nforma lir-Regjun l-ghada li din il-materja kienet qed tigi diskussa dakinhar stess, pero sal-lum ghad m'hemmx risposta.

Subcontracting Tat-Tender Attwali KL Valletta

36.3.1.4 **Tender Authorised Officer Services**

Sal-lum ghad m' hemmx data meta ser tinghata decizjoni fuq l-appell prezentat minn Synthesis Management Services Ltd quddiem il-Public Contract Review Board wara s-smiegh fit- 2 t' Awwissu 2012.

Tender Authorised Officer Services

36.3.1.5 **Haddiema tat-Tribunali**

Fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment permezz ta' e-mail datata 3 ta' Frar, 2012, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien informa lis-Segretarji tar-Regjuni li kellhom ihallsu lill-haddiema tat-Tribunali ghas-servizzi taghhom immedjatment.
Wara hafna korrispondenza, kien hemm qbil unanimu li r-rwol tal-Authorised Officer kif ukoll tal-haddiema tat-Tribunali, kemm fir-rigward tat-Tribunali kif ukoll fir-rigward tar-Regjun, gew iccarati
Illum filghodu saret laqgha ma' Relos Services Ltd.

Haddiema tat-Tribunali

F’ din il-laqgha, wara xhur twal ta’ korrispondenza mad-Dipartiment, Relos Services Ltd offriet li tiehu lura dawn il-haddiem u terggha toffri s-servizzi taghha ta’ Registraturi, Deputat Registraturi u skrivani fuq skali, u b’hekk dawn il-haddiema jistghu jergghu igwadu minn beneficcji ta’ Vacation Leave, Sick Leave u l-hlas skond il-ligi tal-National Insurance waqt li l-beneficcju ta’ Maternity Leave ghada qed tigi kkunsidrata. Relos Services Ltd ghandha ssejjah laqgha ghada ghal dawn il-haddiema.

Kienet tigi mhallsa rata ta’ €8.15 eskluz il-VAT fis-siegha. Illum Relos Services Ltd qed titlob li din ir-rata tigi aggustata ghal €9.00 eskluz il-VAT fis-siegha.

Dawk prezenti kkunsidraw li jekk din it-talba ghal zieda titressaq ghand id-Dipartiment, ikunu qed jigu pregudikat ix-xoghol ta’ dawn il-haddiema meta wiehed iqis kemm ilha ghaddejja din il-kwistjoni u wkoll li meta tressqet talba simili fil-11 ta’ Settembru 2012, sal-lum ir-Regjun ghadu qed jistenna decizjoni mid-Dipartiment.

Gie kkunsidrat ukoll l-awtonomija tar-Regjuni u li l-Gvern centrali ma jghaddi l-ebda allokazzjoni finanzjarja lir-Regjun.

Ghalhekk f’ dawn ic-circostanzi, wara li gie kkunsidrat l-esperjenza ta’ dawn il-haddiema u l-familji taghhom, dawk kollha prezenti unanimament qabblu li jaccettaw li Relos Services Ltd tiehu lura maghhha dawn il-haddiema u li jkun hemm aggustatment fir-rata cioe’ li ssir €9.00 eskluz il-VAT fis-siegha.

Id-Dipartiment ghandu jkun mgharraf b’ din id-decizjoni.

36.3.1.6 **Tribunal tal-Belt**

Tribunal tal-Belt

Permezz ta’ e-mail tal-11 ta’ Settembru 2012, ic-Chairperson tal-Kumitat tat-Tmexxija (Sistema ta’ Infurzar Lokali) informa li r-Regjun li t-talba biex jinghalaq it-Tribunal tal-Belt kienet valida izda ma gietx milqugha mill-Ministru responsabbli peress li kienu ser isiru arrangamenti sabiex it-tmexxija ta’ dan it-Tribunal totempra ruhha mal-Ligi u fiz-zmien li gej ser jibda jopera mill-Kunsill Lokali tal-Belt.

*(‘Il-Kumitat ta' Tmexxija dwar is-Sistema ta' Infurzar Lokali (LES Management Committee) ikkunsidra t-talba li ressaq il-Kumitat Reġjonali Xlokk biex jingħalaq it-Tribunal Lokali tal-Belt Valletta kif ukoll ir-raġunijiet li ngħataw permezz tan-nota tiegħek tal-14 ta' Awwissu, 2012 li magħha kienet annessa kopja tal-mozzjoni li tressqet u kienet appruvata fil-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali tas-27 ta' Lulju, 2012.*

*Bażikament, il-Kumitat Reġjonali Xlokk qed jargumenta li "....... attwalemt ir-Reġistru ta' dan it-Tribunal huwa ineżistenti" u li ".....mhux qed jopera skond il-Liġi - S.L. 291.02" kif speċifikat fl-imsemmija mozzjoni.*

*Mill-indaġni li għamel dan il-Kumitat ta' Tmexxija, jirriżulta li r-Reġistru tat-Tribunal Lokali tal-Belt Valletta ser ikun stabbilit u ser ikollu l-faċilitajiet operattivi kollha meħtieġa, meta jiġi allokat parti mill-bini amministrattiv ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Dan it-trasferiment għall-post il-ġdid hu mistenni fiż-żmien li ġej.*

*L-allokazzjoni tar-Reġistru tat-Tribunal fil-post il-ġdid għandu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha statutorji skont il-provvedimenti tar-REGOLAMENTI DWAR IT-TRIBUNALI LOKALI (TWAQQIF TA’ TRIBUNALI U TISMIJA TAR-REĠISTRU, REĠISTRATUR U UFFIĊJALI OĦRA) - L.S.291.02.*

*Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp u wara l-konsultazzjonijiet li saru mal-ministeru finalment risponsabbli kemm mit-twaqqif kif ukoll mill-egħluq tat-Tribunali Lokali skont l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja (Kap. 291), ġie deċiż li t-Tribunali Lokali tal-Belt Valletta m'għandux jingħalaq.’*

Kien gia hemm qbil unanimu biex jinghalaq dan it-Tribunal fl-laqgha precedenti – illum kien hemm rejazzjoni ghal din id-decizjoni specjalment meta wiehed iqis li fiz-zmien meta kien qed jigi mfassal il-kuntratt il-gdid tal-Warden Services lejn l-ahhar tas-sena 2010, l-istess Chairman kien talab li jkun hemm Tribunal wiehed f’ kull Regjun.

Mhux talli, izda talba simili minn Regjun iehor biex ghalaq Tribunal u jibda jahdem b’ wiehed biss intlaqghet ftit tal-gimghat ilu.

Il-President reggha tenna li jrid inaqqas l-ispejjez amministrattivi u li eventwalment ir-Regjun jibda jahdem minn post wiehed centrali bi Tribunal wiehed fejn jigi kontrollat l-infieq u l-amministrazzjoni tal-istaff.

36.3.1.7 **Tender ghal servizz ta' Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun**
Il-Kumitat tal-agudikazzjoni ta' dan it-Tender iltaqa' illum u ser ikomplu bl-agudikazzjoni fid-19 t' Ottubru 2012.

Tender Prosekutur Tribunal Lokali taz-Zejtun

36.3.1.8 **ECO Wardens**
Minn meta beda jinghata dan is-servizz mill-1 ta' Settembru 2012 inghataw biss 6 citazzjonijiet – dan mhux servizz tajjeb meta wiehed iqis l-ispiza nvoluta.
F' korrispondenza mic-Chairperson tal-Kumitat tat-Tmexxija (Sistema ta' Infurzar Lokali) gew infurmati r-Regjuni dwar uniformi li jistghu jilbsu l-ECO Wardens.
Dawk prezenti unaniment qabblu li biex ikun effettiv dan is-servizz, l-ECO Wardens f' dan ir-Regjun iridu jkun libsin pajzana.

ECO Wardens

36.3.1.9 **Speed Camera – Kunsilli Lokali Haz Zabbar, iz-Zejtun u l-Furjana**
Saret korrispondenza ma' Transport Malta sabiex jigu mhejjija formalment l-applikazzjonijiet biex jigu stallati Speed Cameras f' Haz Zabbar u z-Zejtun. Sal-lum pero' hadd mill-ufficjali ta' Transport Malta ma rrisponda lura anke wara diversi reminders.
Il-Sindku tal-Furjana semma li l-Kunsill Lokali tal-Furjana wkoll interessat li tigi nstalla speed camera u li ser issir talba formali lir-Regjun f' dan is-sens.

Speed Cameras

## 36.4 Affarijiet Finanzjarji

36.4.1 **Hlasijiet**
Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

Hlasijiet

36.4.2 **Rapport Finanzjarju Q2 – 1 t'April 2012 sat-30 ta' Gunju 2012**
Dawk prezenti unanimament qabblu li kopji ta' dan ir-Rapport jitqassmu lill-dawk prezenti u tinbaghat kopja lill-dawk li m' attendewx.

Rapport Finanzjarju Q2

## 36.5 Affarijiet Ohra

36.5.1 **Hlas tal-Kera tal-Arkivju tat-Tribunal tal-Fgura.**
It-Tribunal tal-Fgura informa lir-Regjun il-bierah li kienet waslet biex tithallas il-kera tal-garaxx uzat bhala arkivju minn dan it-Tribunal. Jirrizulta li l-ircevuta ta' l-ahhar kera (€419.28) imhallsa fit-30 ta' Settembru 2011 lill certu Ralph Farrugia lanqas tindika minn min qed isir il-hlas u ser isir aktar stahrig fuq dan. Meta wiehed jikkonsidra li dan il-post gia hu mballat, il-President ssugerixxa li ghandu jsir sejha pubblika biex jinstab post aktar addatat.

Kera ta' Arkivju Fil-Fgura

36.5.2 **LTD**
L-ammont dovut sal-lum mill-LTD hu madwar €113,000. Ghaddiet korrispondenza li turi li nholoq kont bankarju apposta sabiex ikun hemm sinkronizzazjoni bejn l-LTD, Datatrak u l-LCA biex eventwalment jitqassam id-dhul li kien hemm f' Awissu 2012, lir-Regjuni rispettivi.
Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet li Datarak ghad trid taghmel ezercizzju biex johorgu rapporti sabiex l-ammonti dovuti mill-1 ta' Settembru 2011 sa' Lulju 2012 jkun jistghu jigu rikoverati minghand il-Kunsilli Lokali tar-Regjun u jigu mghoddija lir-Regjun.

LTD

36.5.3 **Hlas lill-Transport Malta - Speed Cameras**

Ir-Regjun ircieva korrispondenza minn Transport Malta sabiex ir-Regjun jonora l-hlas li s-soltu kien jigi mhallas lilhom fuq rapport li kien ikun imhejji mill-kumpaniji tal-Warden Services sa Settembru 2011.
Sal-lum ir-Regjun qatt ma rcieva invoices f' dan is-sens. Il-President qabel li ghandha ssir korrispondenza ma' Transport Malta sabiex dan il-hlas ikun jista jigi pprocessat peress li l-ftehim li qabel kien hemm mal-Kumitati Kongunti gie delegat lir-Regjuni.

Hlas lill-TM dovut minn Speed Cameras

36.5.4 **Knock-Out Football Tourament – Tazza Regjun Xlokk**

Is-Sindku tal-Furjana ressaq proposta sabiex ir-Regjun johloq attivita' sportiva billi jistieden klabbs tal-football tad-dilettanti biex jiehdu sehem f' knock out Regjonali. Dawk prezenti qabblu ma' din il-proposta.
Ghalhekk ser issir korrispondenza mal-Kunsilli Lokali sabiex dawn jissottomettu l-ismijiet u dettalji ohra ta' dawn il-klabbs fil-lokalitajiet taghhom sabiex ir-Regjun ikun jista jistedinhom ufficcjalment ghall-kompetizzjoni knock-out. Il-loghob isir fi grounds fir-Regjun.
Ghandu jinhatar sottokumitat sportiv, b' chairman u rapprezentant minn kull kunsill. Dawl prezenti lkoll qabblu li l-laqghat ta' dan is-sottokumitat isiru anke bla *quorum*.

Attivita Football

36.5.5 **Citazzjonijiet ta' persuna mejta li mhux imhallsa**

Is-Sindku ta' Bormla gharraf lir-Regjun fejn kien hemm kaz li minn Tribunal tar-Regjun ittiehdet decizjoni fuq talba minn persuna minn Kastilja biex jinhaffru citazzjoniijiet ta' persuna li llum hi mejta. Jistona l-fatt lic-citazzjonijiet nhaffru biss fir-rigward ta' dawk mahruga f' Bormla biss waqt li r-Regjun qatt ma gie nfurmat dwar dan. Ghalhekk talab li talbiet bhal dawn ghandhom jigu a konjizzjoni tar-Regjun.

Citazzjonijiet ta' persuna mejta –Kunsill Lokali Bormla

## 36.6 Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament

Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tnejn, 22 t' Ottubru 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom ta' Regjun Xlokk.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Chev. Paul Farrugia | M' Lourdes Lautier |
| President | Segretarju Ezekuttiv |

Minuti approvati llum ________________, ______ ta'__________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar